Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VII/13*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 13 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Seba' Terminu), li nżammet nhar il-Ġimgħa 31 ta' Jannar, 2014 fis-7.00p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku l-Av. Daniel Attard.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sinjura Alexandra Maria Mifsud | Kunsilliera |

Preżenti kien hawn ukoll l-Ambaxxatur għaż-Żgħażagħ is-Sur Mario Mizzi.

**1. Talba**

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

**2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 7-10, 7-11 u 7-12**

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħat preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**3. Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2013**

Is-Sindku u l-Kunsill iddiskutew dwar il-ħidma tas-Segretarju Eżekuttiv għas-sena 2013 mal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu jiġi rakkomandat lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus sħiħ (10%).

**4. Korrispondenza**

4.01 Memo 33/2013 – Infiq tal-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-informazzjoni mitluba intbgħatet lid-Dipartiment.

4.02 Memo 34/2013 – Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq. Dan il-kuntratt qed jiġi diskuss mir-Reġjun ta' Għawdex.

4.03 Memo 01/2014 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li diġa beda jaħdem sabiex jiġi ippreparat il-Financial Statement. Kif

sar fis-snin preċedenti l-Kunsill qabel li l-Financial Statement isiru minn JCA Ltd.

4.04 Memo 02/2014 – Applowdjar ta' dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li l-websajt tal-Kunsill tagħna hija aġġornata u d-dokumenti kollha huma applowdjati.

4.05 Memo 03/2014 – Kuntratti u / jew sejħiet għall-offerti tal-Kunsilli Lokali dwar Skart.

4.06 Memo 04/2014 – Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilta ta' librerija lokali. Il-Kunsill qabel li għandna napplikaw sabiex jinxtraw aktar kotba għal-librerija. Il-Kunsill qabel unanimament li napplikaw għall-massimu ta' din l-iskema jiġifieri għal €600. Biex jieħu dawn il-fondi l-Kunsill irid jixtri b'€600 kotba mill-fondi tiegħu. Għalhekk huwa possibbli li matul din is-sena jinxtraw b'kemm jiswew €1200 f'kotba ġodda.

4.07 Memo 05/2014 – Skema ta' għajnuna finanzjarja għal streaming tal-laqgħat online. Il-Kunsill reġa' iddiskuta dwar il-kwotazzjonijiet li kien irċieva wara sejħa pubblika (Kwotazzjoni Nru LC25/2013/01). Il-Kunsill kien iddeċieda li ma jipproċedix bl-installazzjoni ta' din is-sistema peress li kienet se tkun ta' piż finanzjarju fuq il-Kunsill. Il-Kunsill kien qabel li jekk is-sistema mhux se tkun sostnuta mid-Dipartiment ma hux vijabbli għal Kunsill li ssir peress li ta' kull sena ikun hemm spjejjeż dwar streaming. Issa li ħarġet din l-iskema għall-għajnuna finanzjarja l-Kunsill qabel li għandna naplikaw u jekk ningħataw il-fondi inkunu nistgħu niproċedu biex ninstallawha. Għalhekk il-Kunsill reġa' evalwa l-kwotazzjonijiet:-

Kwotazzjoni ta' AG Web Solutions - €4590.20 li tinkludi sena streaming. Maintenance fee għal sena sa massimu ta' għaxar sigħat - €250. Sigħat addizzjonali - €35 kull sigħa. Streaming wara l-ewwel sena mhux ikkwotat. Għalhekk is-somma għall-installazzjoni, sena streaming u sena maintenance fee hija ta' €4840.20. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ammont ikkwotat minn AG Web Solutions huwa aktar mill-massimu ta' kemm tista' tkun kwotazzjoni (€4,658.74). Għalhekk jekk tkun se tingħażel din il-kwotazzjoni ikun meħtieġ li tinħareġ offerta (tender u mhux kwotazzjoni) mill-ġdid.

Kwotazzjoni oħra hija ta' Correct Termination Ltd - €2242.00 li tinkludi sena streaming. Maintenance fee għal sena - €147.50. Streaming wara l-ewwel sena sa erba' snin wara li tkun installata - €1003 fis-sena. Għalhekk is-somma għall-installazzjoni, sena streaming u sena maintenance fee hija ta' €2389.50.

Il-Kunsill qabel li l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża hija dik ta' Correct Termination Ltd. L-ammont ikkwotat jista' jaqbeż bi ftit l-ammont ta' kemm se jingħata mill-iskema jekk tiġi approvata. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-kwotazzjonijiet għandhom jintbgħatu lid-Dipartiment kif mitlub minn naħa tagħhom sabiex jiġu ivverifikati. Il-Kunsill qabel li jekk id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jinformana li l-kwotazzjoni hija valida u skond l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa nordnaw sabiex tiġi installata din is-sistema minn Correct Termination Ltd. Il-Kunsill qabel ukoll li din is-sistema tiġi installata jekk kemm 'l darba l-applikazzjonijiet tiegħu għall-iskemi ta' għajnuna kemm permezz ta' Memo 17/2013 kif ukoll ta' Memo 5/2014 jiġu approvati t-tnejn.

B’hekk il-Kunsill ma jidħolx fi spejjeż kbar biex isir l-online streaming tal-laqgħat tal-Kunsill.

4.08 Clifford Vella informa lill-Kunsill dwar ktieb li ippubblika – Leġġendi, Misteri u Għajdut mill-Gżejjer Maltin.

4.09 Rudolf Winkelmayer ilmenta dwar skart u terrapien mitfugħ fl-inħawi ta’ Wied L-Għasri. Is-Sindku informa lill-Kunsill li diġa ħa passi dwar dan l-ilment biex isir it-tindif meħtieġ.

4.10 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill li l-allokazzjoni għas-sena 2014 se tkun ta’ €157,805.

4.11 Mariano Gauci informa lill-Kunsill dwar wirja li se jagħmel fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira. Huwa talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jipprintja ktejjeb/leaflet li jindika ukoll il-ħinijiet tal-ftuħ għall-pubbliku tal-istess wirja. Din tkun l-unika wirja li ssir fir-raħal tagħna. Il-Kunsilliera Alexandra Maria Mifsud qalet li s-sena l-oħra kien żaret din il-wirja li tkun waħda ta’ livell tajjeb ħafna. Il-Kunsill qabel li għandna ngħinu biex din il-wirja tkun tista’ tittella’.

4.12 Ivana Farrugia mill-Kummissjoni Familja tad-Djoċesi ta’ Għawdex infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar il-premju ‘Familja Qalb tad-Deheb’.

4.13 Josianne Callus f’isem Gaulitanus Choir infurmat lill-Kunsill dwar l-attivita ‘A Festival of Music’. Jekk il-Kunsill ikun jixtieq li waħda mill-attivitajiet issir fir-raħal tagħna għandhom isiru l-kuntatti fi żmien qasir.

4.14 L-AKL infurmat lill-Kunsilli Lokali dwar laqgħat li qed isiru fl-irħula mill-Primary Health Care Department dwar suġġetti relatati mas-saħħa primarja. Is-Sindku informa lill-Kunsill li qiegħed f’kuntatti biex jekk huwa possibbli dawn il-laqgħat isiru fil-lokalita tagħna wkoll.

**5. Ħlas ta’ Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta’ pagamenti nru 7-13 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta’ din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**6. Materja oħra**

6.01 Is-Sindku ippropona li l-preżentazzjoni tal-Innu l-Kbir fi żmien il-Festa tar-raħal tagħna issir taħt il-patrocinju tal-Ministru għal Għawdex. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta u għalhekk ser issir stedina lill-Ministru għal Għawdex.

6.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar suġġeriment li għamillu Salvatore Felice Pace biex meta isiru t-tiġrijiet taż-żwiemel fi żmien il-Festa tar-raħal jingħata trofew imsemmi ‘Sugar Cup’. Din tkun b’dedika għad debba tiegħu li ilha tgħix f’dan ir-raħal għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suġġeriment.

6.03 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wasallu ilment minn għand Lisa Camilleri biex fi Triq il-Fanal ma’ ġenb il-post tagħha isir ftit konkos peress li parti żgħira tat-triq għadha mhix magħmula u jkun hemm ħafna tajn speċjalment meta tagħmel ix-xita. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

6.04 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fi ftit tal-ġimgħat oħra ikolna bżonn nixtru cold asphalt biex isir xogħol ta' patching. Il-Kunsill qabel li noħorġu kwotazzjoni jew offerta biex ikun jista' jinxtara dan il-materjal. Il-Perit John Saliba se jiġi mitlub biex jiprepara d-dokument tal-offerta/kwotazzjoni.

6.05 Is-Sindku informa lill-Kunsill li wara li ra t-tweġibiet tas-survey li sar dwar l-indafa tar-raħal tagħna partikolarment dwar is-servizz tal-knis ta' toroq, ir-residenti fil-maġġor parti tagħhom jixtiequ li jkun hawn skeda bil-ġranet meta tinkines kull triq. Għalhekk is-Sindku ippropona li għandna nagħmlu skeda biex wara li tiġi diskussa mal-kuntrattur konċernat nibgħatuha ukoll lir-residenti kollha u b'hekk ikunu infurmati meta għandha tinkines it-triq tagħhom. Il-Kunsill qabel li toroq ċentrali għandhom jinkinsu tlett darbiet fil-ġimgħa, toroq oħrajn darbtejn fil-ġimgħa filwaqt li darba fil-ġimgħa għandu isir tindif tat-toroq fiż-żona mhux urbana. Se tiġi ippreparata skeda u wara li tkun approvata mill-Kunsill u diskussa mal-kuntrattur nibgħatuha lir-residenti kollha .

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ħamis 13 ta' Frar, 2014 fis-7.00p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Av. Daniel Attard | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |